

Brussell, 30 ta' Mejju 2024
(OR. en)

10459/24

ENER 259
COMPET 603
CLIMA 219
PROCIV 47
ENV 567

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 30 ta' Mejju 2024

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 10244/24

Suġġett: L-Iżvilupp ta' Infrastruttura tal-Grilja tal-Elettriku Sostenibbli
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (30 ta' Mejju 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-Iżvilupp ta' Infrastruttura tal-Grilja tal-Elettriku Sostenibbli", kif approvati mill-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija fil-laqgħa tiegħu tat-30 ta' Mejju 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar

"L-Iżvilupp ta' Infrastruttura tal-Grilja tal-Elettriku Sostenibbli"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR FI:

- Il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-oġġettiv tiegħu li l-UE tkun newtrali f'termini ta' impatt fuq il-klima sal-2050 f'konformità mal-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi kif approvat mill-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2019¹ u minqas fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima;
- Id-Dikjarazzjoni ta' Versailles tal-10 u l-11 ta' Marzu 2022² li tenfasizza s-sigurtà tal-enerġija u t-tneħħija gradwali tad-dipendenza tal-UE fuq il-fjuwils fossili Russi mill-aktar fis possibbli, b'mod partikolari billi titlesta u tittejjeb l-interkonnessjoni tan-networks Ewropej tal-gass u tal-elettriku u jiġu integrati bis-sħiħ il-grilji tal-enerġija madwar l-UE;
- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' April 2024³ li jissottolinjaw l-importanza li tinkiseb Unjoni tal-enerġija ġenwina li teħtieġ fost l-oħrajn l-użu sostanzjali ta' grilji, ħżin u interkonnessjonijiet u investiment fihom;
- Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar REPowerEU dwar it-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili Russi, it-tħaffif tat-tranżizzjoni tal-enerġija u aktar integrazzjoni tas-suq tal-enerġija⁴;

¹ <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2019/12/12/european-council-conclusions-12-december-2019/>

² <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2022/03/11/the-versailles-declaration-10-11032022/>

³ <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2024/04/18/european-council-conclusions-17-and-18-april-2024/>

⁴ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM:2022:230:FIN>

- Il-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" kif stabbilit fid-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika;
- Il-possibbiltà għall-Istati Membri skont id-Direttiva riveduta dwar l-Enerġija Rinnovabbli li jissimplifikaw il-proċeduri tal-għoti tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u għall-proġetti ta' infrastruttura meħtieġa, inkluż permezz tal-ħolqien ta' "Żoni ta' aċċellerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli";
- Il-miri tal-interkonnessjoni tal-elettriku kif riflessi fir-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika⁵;
- In-Networks Trans-Ewropej tal-Enerġija (TEN-E), li jikkontribwixxu għall-introduzzjoni ta' infrastruttura transfruntiera, permezz tal-għażla ta' proġetti ta' interess komuni (PCIs) u proġetti ta' interess reċiproku billi jipproponu modi biex jissimplifikaw u jaċċelleraw il-proċeduri għall-għoti ta' permessi u ta' awtorizzazzjoni u approċċ regolatorju xieraq, u billi jipprovdu aċċess għall-finanzjament tal-UE permezz tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-Enerġija;
- Il-ħtieġa li titqies is-sitwazzjoni unika ta' reġjuni u Stati Membri inqas interkonnessi jew mhux interkonnessi, periferiċi, ultraperiferiċi jew iżolati; kif ukoll dawk li jinsabu fil-fruntieri esterni tal-UE, ġirien ma' pajjiżi li huma ta' theddida diretta għall-Istati Membri jew għas-sigurtà Ewropea, speċjalment mindu bdiet il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna;
- Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Novembru 2023 dwar Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Grilji, li tidentifika l-isfidi u tipproponi azzjonijiet u rakkomandazzjonijiet imfassla apposta li jistgħu jiġu implimentati fit-18-il xahar ta' wara sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-Unjoni għall-2030⁶;

⁵ <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2018/1999/oj?locale=mt>

⁶ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM:2023:757:FIN>

- Ir-rapport "European Climate Risk Assessment" tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tal-11 ta' Marzu 2024 u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Marzu 2024 dwar "Il-ġestjoni tar-riskji klimatiċi - il-protezzjoni tan-nies u l-prosperità" li jenfasizzaw il-ħtieġa li jissaħħaħ l-ippjanar tar-riskju klimatiku tal-Istati Membri fis-settur tal-enerġija, peress li t-tibdil fil-klima ser ikompli jikkawża pressjoni sinifikanti fuq l-infrastruttura tal-enerġija Ewropea;
- Id-Direttiva dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi⁷ u d-Direttiva dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni (NIS II)⁸;
- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2024⁹ li stiednu lill-Kunsill imexxi l-ħidma 'l quddiem, u lill-Kummissjoni flimkien mar-Rappreżentant Għoli biex tipproponi azzjonijiet fil-livell tal-UE għat-tisħiħ tat-tħejjija u r-rispons għall-kriżijiet b'approċċ li jkopri l-perikli kollha u s-soċjetà kollha, b'kont meħud tar-responsabbiltajiet u l-kompetenzi tal-Istati Membri, bil-ħsieb ta' strateġija futura għat-tħejjija;

⁷ <https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2022/2557/oj?locale=mt>

⁸ <https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2022/2555/oj?locale=mt>

⁹ <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2024/03/22/european-council-conclusions-21-and-22-march-2024/>

- Ir-rapport konġunt mill-ACER u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent ta' Ottubru 2023 dwar soluzzjonijiet ta' flessibbiltà għall-appoġġ ta' sistema tal-elettriku tal-UE dekarbonizzata u sigura¹⁰;
- Il-Pjan ta' Għaxar Snin għall-Iżvilupp tan-Network (TYNDP) 2024 u l-Pjanijiet ta' Żvilupp tan-Network Offshore (ONDPs) li ġew ippubblikati dan l-aħħar;
- Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Nixprunaw Ekonomija Newtrali għall-Klima: Strateġija tal-UE dwar l-Integrazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija"¹¹ u d-Direttiva¹² u r-Regolament¹³ dwar l-Idroġenu u l-Gass li jinkludu ppjanar aktar ikkoordinat u integrat bejn trasportaturi tal-enerġija differenti u d-Direttiva fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli¹⁴;
- Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' April 2024 dwar "Djalogi dwar it-Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa – nieħdu kont Industrija Ewropea b'saħħitha għal Ewropa sostenibbli"¹⁵;
- Il-Forum dwar l-Infrastruttura tal-Enerġija li jsir kull sena f'Copenhagen, u l-pjattaforma ddedikata li ser timmonitorja regolarment il-progress u tagħti rapport fil-laqgħa annwali tal-Forum dwar it-twettiq tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Grilji;

¹⁰ <https://www.eea.europa.eu/publications/flexibility-solutions-to-support>

¹¹ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=COM:2020:299:FIN>

¹² <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52021PC0803>

¹³ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM:2021:804:FIN>

¹⁴ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32023L2413>

¹⁵ https://commission.europa.eu/publications/clean-transition-dialogues-stocktaking-strong-european-industry-sustainable-europe_en

- Il-pjanijiet nazzjonali aġġornati dwar l-enerġija u l-klima tal-2024 li għandhom jitħejjew mill-Istati Membri u ffukati fuq il-ħtieġa ta' objettivi, miżuri u investimenti ċari biex jissaħħu l-grilji tal-elettriku kemm fil-livell tad-distribuzzjoni u f'dak tat-trażmissjoni kif ukoll fl-interkonnessjonijiet;
- Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Frar 2024 dwar il-mira klimatika għall-2040 u t-triq lejn in-newtralità klimatika sal-2050¹⁶ u l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja, li tirreferi fost l-oħrajn għall-investiment meħtieġ fil-grilji minħabba l-elettrifikazzjoni dejjem akbar tal-ekonomiji tagħna;
- Ir-rapport ta' April 2024 "Much more than a Market" ta' Enrico Letta, li fost affarijiet oħra jappella għal aktar integrazzjoni tas-suq u azzjoni komuni u l-bini ta' network ta' infrastruttura robust li jkopri l-kontinent kollu, iffaċilitat permezz ta' ppjanar integrat u finanzjament tal-UE;
- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill li ġejjin ma jippreġudikaw l-ebda diskussjoni futura dwar il-QFP.

¹⁶ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM:2024:63:FIN>

- I. Lejn network Ewropew tal-elettriku kkoordinat, interkonness u integrat
1. JAGĦRAF ir-rwol kruċjali tan-network tal-elettriku Ewropew interkonness, integrat u sinkronizzat¹⁷ fl-iżgurar ta' sistema sigura, il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern, il-kompetittività u l-iżvilupp soċjoekonomiku tal-UE u l-kisba tal-għanijiet tal-UE dwar l-enerġija u l-klima; JISSOTTOLINJA f'dan ir-rigward il-ħtieġa li jinżammu sinjali ċari ta' pprezzar fl-Istati Membri u bejniethom; u biex jiġi żgurat dispaċċ effiċjenti tal-assi;
 2. JENFASIZZA li sistema tal-enerġija Ewropea kompletament integrata, interkonnessa u sinkronizzata tista' tinkiseb biss jekk l-infrastruttura tal-grilja tal-elettriku tal-UE tiġi varata u użata bl-aktar mod effettiv u effiċjenti possibbli għall-iskambji tal-enerġija, inkluż permezz tal-flessibbiltà u soluzzjonijiet oħra mingħajr fili, sabiex il-kostijiet ġenerali tas-sistema mġarrba mill-unitajiet domestiċi u l-kumpaniji jittaffew kemm jista' jkun;
 3. JISSOTTOLINJA li għad iridu jittieħdu passi deċiżivi biex tinkiseb sistema tal-enerġija Ewropea kompletament integrata, interkonnessa u sinkronizzata, bil-ħsieb li jkomplu jissaħħu s-sigurtà tal-provvista, ir-reżiljenza tas-sistema tal-elettriku, kif ukoll il-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni; JENFASIZZA l-ħtieġa li jitqiesu l-ispeċifikitajiet ta' Stati Membri mhux interkonnessi jew reġjuni mhux konnessi biżżejjed, periferali, ultraperiferiċi jew iżolati; JAPPELLA lill-Kummissjoni timplimenta mingħajr dewmien l-azzjonijiet rilevanti tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Grilja f'kooperazzjoni mill-qrib mal-atturi rilevanti kollha;

¹⁷ Ir-referenzi għal sistema tal-enerġija Ewropea interkonnessa, integrata u sinkronizzata jirreferu għaż-Żona Sinkronika Kontinentali (li qabel kienet l-UCTE) u l-ftehim finali dwar is-sinkronizzazzjoni mas-Sistema Baltika sa Frar 2025. Dan jikkomplementa u ma jeskludix il-ħtieġa għal aktar interkonnessjoni u integrazzjoni ta' sistemi sinkroniċi separati fl-UE, jiġifieri Ċipru, l-Irlanda, is-Sistema Nordika, u gżejjer oħra fl-Unjoni Ewropea.

4. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa ta' ppjanar olistiku, fit-tul, ikkoordinat, imtejjeb u integrat tal-infrastruttura tal-grilja tal-elettriku fil-livell Ewropew, li jkopri kemm medda ta' għaxar snin kif ukoll ta' 20 sena, filwaqt li jitqiesu l-miri nazzjonali u Ewropej tad-dekarbonizzazzjoni, u jqis kemm il-proġetti offshore kif ukoll dawk fuq l-art, inkluż dawk ibridi, li l-progress tagħhom jeħtieġ li jiġi mmonitorjat sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni rapida tal-oġettivi tal-UE dwar il-klima u l-enerġija;
5. JENFASIZZA l-valur li tiġi kkombinata koordinazzjoni minn isfel għal fuq tal-pjanijiet nazzjonali fil-livell reġjonali ma' approċċ Ewropew;
6. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġu kkunsidrati investimenti antiċipatorji fil-grilja biex ikunu jistgħu jiġu evitati l-konġestjonijiet f'talbiet futuri ta' konnessjoni għal faċilitajiet ta' produzzjoni u flessibbiltà kif ukoll id-domanda, filwaqt li jiġu bbilanċjati mar-riskju ta' assi mhux rekuperabbli potenzjali;
7. JENFASIZZA l-importanza li jiġi żgurat ippjanar olistiku u integrat fost it-trasportaturi kollha tal-enerġija bil-ħsieb tal-ħtiġijiet futuri tal-enerġija, filwaqt li jiġi applikat il-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel", tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn il-livelli ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, u titqies l-importanza li s-settur tal-enerġija jkun fil-biċċa l-kbira ħieles mill-fjuwils fossili ferm qabel l-2050 u l-importanza li l-mira tkun il-kisba ta' sistema tal-enerġija globali dekarbonizzata kompletament jew b'mod predominanti fis-snin 2030, u ż-żieda fl-infrastruttura tal-elettriku;
8. JENFASIZZA l-importanza ta' kooperazzjoni aktar b'saħħha bejn l-Istati Membri u approċċ integrat bejn l-atturi kollha fil-katina tal-valur sabiex jiġu ottimizzati l-ippjanar u l-użu spazjali kemm fuq l-art kif ukoll offshore; kif ukoll l-importanza ta' ppjanar spazjali marittimu kkoordinat; JINKORAĠĠIXXI l-użu ta' diversi inizjattivi relatati bħall-Inizjattiva tal-Baċir tat-Tramuntana l-Kbir (GNSBI), il-Kummissjoni ta' Helsinki (HELCOM) u l-Kummissjoni Oslo-Pariġi (OSPAR); JENFASIZZA r-rilevanza tal-kooperazzjoni reġjonali rigward l-ippjanar tal-infrastruttura tal-grilja u fil-pjanijiet nazzjonali aġġornati finali dwar l-enerġija u l-klima;

9. JISSOTTOLINJA li l-impenn u l-finanzjament għall-grilji, inkluż mil-livell tal-UE kif ukoll il-finanzjament privat, għandhom ikunu adegwati u bbażati fuq ippjanar fit-tul, f'konformità mal-oġettiv li jinkisbu emissjonijiet zero netti sal-2050;
10. ITENNI l-ħtieġa ta' implimentazzjoni u infurzar rapidi u rigorużi tar-regoli tal-UE sabiex tissaħħaħ il-fiduċja f'sistema tal-enerġija Ewropea integrata, interkonnessa u sinkronizzata kompletament sabiex tinkiseb Unjoni tal-Enerġija ġenwina, li hija benefiċċju ewlieni sottostanti għall-investiment fil-grilji;
11. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jibnu fuq inizjattivi biex isaħħu u jespandu l-grilji ta' distribuzzjoni sabiex jintegraw l-enerġija rinnovabbli deċentralizzata, ir-riżorsi flessibbli, u jakkomodaw domanda ġdida marbuta mal-elettrifikazzjoni kif ukoll jiżguraw provvista sigura tal-elettriku lill-konsumaturi b'mod aktar koordinat¹⁸ u jappoġġjaw it-tixrid tal-aħjar prattiki fl-ippjanar tan-network ta' distribuzzjoni pereżempju, mill-Entità tal-UE għad-DSO;
12. JENFASIZZA l-isfida dejjem tikber tal-konġestjoni tan-network kemm fil-livell tad-distribuzzjoni kif ukoll f'dak tat-trażmissjoni li, minbarra l-espansjoni tal-grilja, tista' tirrikjedi approċċ li jiżgura biżżejjed adegwatezza kif ukoll soluzzjonijiet ta' flessibbiltà;

¹⁸ Azzjoni għall-pjan ta' azzjoni għall-infrastruttura tan-networks: l-Entità tal-UE għad-DSO għandha tappoġġa l-ippjanar tal-grilja tad-DSO billi tidentifika l-eżistenza u l-karatteristiċi tal-pjanijiet ta' żvilupp tad-distribuzzjoni (nofs l-2024)

13. JAPPELLA lill-Kummissjoni, f'dak ir-rigward:

- (a) Biex issaħħaħ qafas li jipprovdi ambjent regolatorju li jissodisfa r-rekwiżiti tal-ambizzjonijiet ta' dekarbonizzazzjoni miftiehma, filwaqt li jiffaċilita l-investimenti antiċipatorji;
- (b) Biex tiżviluppa aġenda ta' implimentazzjoni biex tappoġġa lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, fl-indirizzar tal-ostakli ewlenin għall-użu effiċjenti u l-introduzzjoni tal-infrastruttura tal-elettriku, u fl-indirizzar tal-konġestjoni tan-network fil-livelli ta' trażmissjoni u distribuzzjoni, fost l-oħrajn permezz tal-iżvilupp tan-network, is-simplifikazzjoni tal-ippjanar amministrattiv u l-proċeduri għall-għoti ta' permessi;
- (c) Biex issaħħaħ aktar l-approċċ reġjonali għall-ippjanar tal-infrastruttura tal-elettriku u tikkombinah ma' approċċ għall-UE kollha inkluż fejn xieraq ma' pajjiżi sħab, b'perspettiva u koordinazzjoni fit-tul permezz tal-kurituri prijoritarji, erba' gruppi ta' livell għoli¹⁹ u fejn rilevanti formati oħra ta' kooperazzjoni reġjonali;
- (d) Biex tqis il-livell reġjonali wkoll għall-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri, l-awtoritajiet regolatorji, u l-promoturi tal-proġetti bl-għan li jrawmu l-kooperazzjoni reġjonali²⁰ u l-integrazzjoni tal-grilja;
- (e) Biex tressaq qafas imsaħħaħ biex jiżdiedu t-trasparenza, it-traċċabbiltà u sorveljanza indipendenti xierqa għall-proċess kollu tal-ippjanar u l-iżvilupp tal-grilja ta' trażmissjoni permezz tat-tisħiħ tal-istruttura ta' governanza attwali billi jiġu previsti valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-grilja Ewropea u ppjanar li jikkonforma mal-miri tal-UE dwar il-klima u l-enerġija u li jissodisfa l-oġettivi tad-dekarbonizzazzjoni;

¹⁹BEMIP, CESEC, NSEC, Lbiċ tal-Ewropa

²⁰ Pereżempju: il-Forum Pentalaterali dwar l-Enerġija

- (f) Biex tiżgura li s-sorveljanza indipendenti msemmija hawn fuq twassal għall-iżvilupp ta' għodda ta' tbassir għall-ħtiġijiet tal-grilja u l-ħtiġijiet ta' investiment marbuta magħhom fit-triq lejn in-newtralità klimatika fil-livell tal-UE sal-2050 bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tan-network;
 - (g) Biex trawwem użu flessibbli tal-enerġija, it-tisħiħ tar-rispons tad-domanda u l-ħżin tal-enerġija u t-tnedija ta' riflessjoni dwar il-qafas tat-tariffi tal-grilja;
14. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex itejbu l-konsistenza bejn it-TYNDP, l-ONDP u l-pjanijiet nazzjonali u reġjonali għall-iżvilupp tal-grilja, kif ukoll il-konsistenza u l-komplementarjetà mal-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima;
15. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tivvaluta u tidentifika lakuni u tiżviluppa miżuri jekk meħtieġ biex ittejjeb il-qafas ta' governanza fil-livell tal-UE rigward l-ippjanar, l-għażla u l-implimentazzjoni tal-infrastruttura transfruntiera, speċjalment fil-proċess tat-TYNDP u b'kont meħud tal-opinjoni tal-ACER;
16. JAPPELLA lill-ENTSO-E biex juża t-tagħlimiet meħuda u l-kontribut mir-rapporti tal-partijiet ikkonċernati dwar it-TYNDP u l-iterazzjonijiet futuri tiegħu u JAPPELLA lill-Kummissjoni Ewropea biex tikkunsidra li tipproponi orizzont ta' żmien itwal għal pjanijiet futuri għall-iżvilupp tan-network;

17. JAPPELLA lill-Istati Membri biex:

- (a) Jiżguraw disinn li jinkludi n-natura, sabiex l-aċċellerazzjoni u l-ġenerazzjoni, il-ħżin, il-flessibbiltà u l-espansjoni tad-domanda għall-iżvilupp tal-grilja jiġu rikonċiljati mal-protezzjoni ambjentali u tal-bijodiversità;
- (b) Biex jiżguraw approċċ għat-tranżizzjoni tal-enerġija bin-nies fil-qalba tiegħu li jinvolvi mill-qrib liċ-ċittadini, lill-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini u lill-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli fl-iżvilupp tal-infrastruttura tal-enerġija u fir-reviżjoni tal-proċeduri tal-konnessjoni mal-grilja u tal-kapaċità tal-aċċess għall-grilja biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni ma' atturi oħra tas-suq;
- (c) Biex iħeġġu u jappoġġaw lit-TSOs u d-DSOs fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni tagħhom u fl-iżvilupp ta' proġetti ġodda tal-grilja inkluż grilji intelliġenti kull fejn ikunu meħtieġa u fit-tisħiħ, iż-żamma, id-diġitalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-grilji eżistenti kif ukoll l-użu tal-flessibbiltà, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi relatati mal-bidla minn ġenerazzjoni tal-enerġija ċentralizzata għal waħda distribwita u intermittenti;
- (d) Biex jibqgħu impenjati għal kummerċ u interdipendenza transfrontiera tal-enerġija li jkunu miftuħa u integrati, biex b'hekk jippermettu flussi ta' tranżitu bejn l-Istati Membri u s-sħab u suq intern tal-elettriku li jiffunzjona tajjeb li jista' jinkiseb billi, fost l-oħrajn, jiġi żgurat il-fluss liberu tal-enerġija fl-Istati Membri u bejniethom;

18. JAPPELLA lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u lill-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni, biex jindirizzaw il-konġestjoni tan-network kemm fl-Istati Membri fil-livelli ta' trażmissjoni u distribuzzjoni kif ukoll madwar l-UE;

II. Is-sigurtà tal-enerġija u r-reżiljenza tal-infrastruttura tal-enerġija

19. JAGĦRAF l-importanza ta' sistema tal-enerġija Ewropea robusta, interkonnessa, indipendenti, affidabbli u sigura, li tikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika miftuħa u l-kompetittività tal-Ewropa;
20. JILQA' t-tlestija b'suċċess tas-simulazzjoni ta' kriżi tal-infrastruttura kritika fis-settur tal-enerġija, abbażi ta' prinċipji komuni skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Diċembru 2022 dwar approċċ ikkoordinat għall-Unjoni kollha biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika²¹;
21. JENFASIZZA li s-sistema tal-enerġija fl-Ewropa jeħtieġ li tiġi protetta mit-theddid il-ġdid li ilha tiffaċċa mill-2022. Dan wassal għal fehim ġdid tas-sigurtà u r-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija Ewropea u tal-ħtieġa għal sett ta' miżuri kkoordinati ta' sigurtà tal-enerġija;
22. JENFASIZZA l-ħtieġa ta' implimentazzjoni koerenti u effettiva tal-leġislazzjoni tal-UE li tindirizza kwistjonijiet ta' sigurtà inkluż ir-riskji għaċ-ċibersigurtà;
23. JENFASIZZA li l-istabbiltà tas-sistema hija ta' importanza ewlenija biex tiġi żgurata operazzjoni sikura u sigura tas-sistema u JAPPELLA lill-operaturi tan-network, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jew l-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri meħtieġa f'konformità mar-regoli tas-suq intern;

²¹[https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32023H0120\(01\)](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32023H0120(01))

24. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tassisti lill-Istati Membri u fejn rilevanti lill-partijiet kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija, fit-titjib tas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku, filwaqt li tqis ukoll is-sigurtà fiżika u ċ-ċibersigurtà tal-infrastruttura tal-enerġija, u twettaq rieżami mmirat tal-arkitettura tas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku tal-UE fuq terminu itwal b'enfasi fuq it-tħejjija għar-riskji, filwaqt li tqis il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, ir-riskji klimatiċi u diversi xenarji ta' impatt għoli bi probabbiltà baxxa kif ukoll l-iżviluppi reċenti u t-tagħlimiet meħuda mill-kriżi tal-enerġija; JIRRIKONNOXXI r-riskji speċifiċi għas-sigurtà fl-Istati Membri li jinsabu fil-fruntieri esterni tal-UE, ġirien ma' pajjiżi li huma ta' theddida diretta għas-sigurtà Ewropea.
25. JAPPELLA lill-Istati Membri biex isaħħu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-entitajiet tal-infrastruttura, fil-livell nazzjonali, reġjonali, Ewropew u dak internazzjonali, sabiex jipproteġu u jsaħħu r-reżiljenza tal-infrastruttura, fost l-oħrajn, kontra t-theddid ibridu, inkluż fil-livell offshore u taħt il-baħar;
26. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sigurtà sa mit-tfassil fl-iżvilupp tal-infrastruttura tal-enerġija, inkluż fir-rigward tas-sistemi ta' kejl intelliġenti u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni tad-data;
27. JAPPELLA lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lis-sħab rilevanti biex ikomplu jtejbu l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti dwar it-theddid għall-infrastruttura kritika tal-enerġija u l-ktajjen tal-valur u l-impatti ta' tfixkil fuqhom, inkluż f'termini ta' sjieda;
28. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent iwettqu Valutazzjonijiet Ewropej tar-Riskju Klimatiku regolari;

III. Innaqqsu d-disparità fl-investment fl-infrastruttura tal-grilja tal-elettriku

29. JAGĦRAF il-ħtiġijiet ta' investment bla preċedent fin-networks tal-elettriku kemm fil-livell tat-trażmissjoni kif ukoll f'dak tad-distribuzzjoni sabiex tiġi żgurata sistema tal-enerġija Ewropea interkonnessa, integrata u sinkronizzata ħafna biex jintlaħqu l-oġettivi tal-UE għad-dekarbonizzazzjoni, il-kompetittività u s-sigurtà tal-provvista;
30. JINNOTA l-konklużjonijiet tar-rapport ta' Enrico Letta dwar is-suq intern, u JISSOTTOLINJA r-rwol tas-suq interkonness tal-enerġija għat-trawwim ta' politiki effiċjenti dwar l-enerġija u l-klima, u JISTIEDEN lill-Kummissjoni tirrifletti dwar ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport relatati mal-infrastruttura tal-enerġija;
31. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżviluppa gwida ulterjuri għall-Istati Membri, it-TSOs u d-DSOs biex jagħmlu l-aħjar użu mill-fondi eżistenti tal-UE għat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni ta' grilji tal-elettriku kif ukoll proġetti ibridi, filwaqt li jagħmlu l-proċess tal-għoti għall-fondi tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) aktar aċċessibbli u simplifikat;
32. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni dwar il-ħtiġijiet reali ta' investment fir-rigward tal-grilji tal-elettriku meta mqabbla mal-fondi allokat i għalihom u tfittex modi kif iżżid l-investimenti ġenerali għall-infrastruttura tal-grilja tal-elettriku;

33. JISĦAQ fuq il-ħtieġa ta' FNE robusta għal rispons u appoġġ adegwati għall-ħtiġijiet ta' investiment akbar fi proġetti ta' żvilupp tal-grilja fuq l-art u lil hinn mill-kosta;
34. JAPPELLA lill-Bank Ewropew tal-Investiment biex ikompli jsaħħaħ l-inizjattivi u l-għodod ta' finanzjament u ta' tneħħija tar-riskji biex jiġu appoġġati l-espansjoni u l-modernizzazzjoni addizzjonali tal-grilja tal-elettriku;
35. JINNOTA li sabiex il-produzzjoni tal-enerġija offshore tiġi żviluppata b'mod kosteffettiv li jimmassimizza l-benefiċċji ġenerali fil-livell Ewropew, issir dejjem aktar rilevanti l-ħidma f'xi baċiri tal-baħar lil hinn mill-konnessjonijiet radjali lejn grilja ibrida b'malji konnessi ma' Stati Membri differenti; JINNOTA li l-iżvilupp ta' infrastruttura offshore lil hinn mill-konnessjonijiet radjali jġib miegħu wkoll sfidi ġodda differenti dwar il-koordinazzjoni u l-qsim tal-ispejjeż jew tar-riskji bejn daww ikkonċernati; JAPPELLA lill-Kummissjoni tivvaluta dawn l-isfidi, il-lakuni li fadal u jekk, lil hinn mill-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti, ikunx meħtieġ li jitressqu aktar proposti ġusti u proporzjonati f'dan ir-rigward;

36. JISTENNA B'INTERESS ir-riżultati tal-gwida tal-Kummissjoni dwar oqfsa ta' investment kollaborattiv għal proġetti ta' grilja offshore u fuq l-art, inkluż proġetti ibridi;
37. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-ENTSO-E biex jiżguraw li fil-linja gwida għall-Analiżi tal-Ispejjeż u l-Benefiċċji tal-Proġetti ta' Żvilupp tal-Grilja jiġu inklużi wkoll elementi mhux ekonomiċi, bħas-sigurtà nazzjonali u reġjonali tal-provvista, l-adegwatezza tat-trażmissjoni u tas-sistema, id-dispaċċ mill-ġdid, il-flessibbiltà, u t-tnaqqis ta' gassijiet serra u impatti ambjentali;
38. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' approċċ Ewropew komprensiv għaż-żoni tal-offerti offshore billi tipprovdi gwida lill-Istati Membri fil-qafas regolatorju eżistenti, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri u filwaqt li tikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati;
39. JISĦAQ fuq l-importanza tal-kosteffiċjenza u tranżizzjoni ġusta sabiex l-investimenti addizzjonali fl-infrastruttura tal-grilja tal-elettriku jevitaw li jkollhom impatt sproporzjonat fuq il-konsumaturi finali jew il-kontribwenti;

IV. L-iskala u r-rapidità tal-iżvilupp tal-infrastruttura tal-elettriku

40. JENFASIZZA li l-aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi tal-grilji hija ta' importanza assoluta biex jiżdied u jiġi aċċellerat l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-elettriku, filwaqt li dejjem jitqies l-impatt fuq l-ambjent u ċ-ċittadini fi stadju bikri u matul il-proċess kollu b'mod li jiġi żgurat bilanċ bejn l-elementi differenti;
41. HUWA MĦASSEB dwar it-tul ta' żmien meħtieġ assoċjat ma' proġetti ta' infrastruttura attwali u JINKORAĠĠIXXI BIL-QAWWA l-isforzi konġunti tal-Istati Membri biex iħaffu dan il-proċess;
42. JENFASIZZA l-problema ta' kapaċitajiet ta' manifattura u fornituri ta' servizzi limitati li twassal għal spejjeż oġhla u perjodi twal ta' tnejjija għall-proġetti tal-grilja u JENFASIZZA l-ħtieġa għal miżuri ambizzjużi li għandhom l-għan li jiżviluppaw katina tal-valur Ewropea b'saħħitha għall-grilji, li jikkontribwixxu għall-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-UE filwaqt li jippreservaw ekonomija miftuħa;
43. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tesplora possibbiltajiet biex tiġi ffaċilitata l-viżibbiltà reġjonali jew madwar l-UE kollha dwar l-akkwist ta' komponenti tal-grilja biex jintbagħtu s-sinjali t-tajba għall-industrija lokali biex jiżdiedu l-kapaċitajiet tal-manifattura; u tipprovdi, f'kooperazzjoni mal-atturi rilevanti, rakkomandazzjonijiet dwar ir-rwol li l-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards tal-offerti funzjonali armonizzati jista' jkollhom biex jaċċelleraw u jiffaċilitaw il-proċeduri tal-akkwist; u f'dan il-kuntest tivvaluta l-opportunità li tadatta r-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku;

44. JENFASIZZA r-rwol tal-istandardizzazzjoni fl-aċċellerazzjoni tal-iżvilupp tal-infrastruttura tal-grilja, it-tnaqqis tal-ispejjeż u l-faċilitazzjoni tal-investimenti kif ukoll l-importanza tal-ħidma tal-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni u b'mod partikolari l-Forum ta' Livell Għoli stabbilit dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea u JAPPELLA għal aċċellerazzjoni tal-ħidma li għaddejja rigward l-istandards għall-infrastruttura tal-elettriku filwaqt li jittieħed kont tar-rwol tal-innovazzjoni f'dan ir-rigward;
45. JENFASIZZA l-ħtieġa, fuq terminu medju sa twil, ta' standardizzazzjoni intelliġenti biex jitħaffu l-proċessi tal-produzzjoni, jiġu minimizzati d-disturbi fil-katina tal-provvista u tiżdied l-effiċjenza tagħhom filwaqt li tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-komponenti tal-grilja fl-Ewropa; u JINKORAĠĠIXXI lill-Forum ta' Livell Għoli dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea biex iressaq rakkomandazzjonijiet u prioritajiet ta' standardizzazzjoni;
46. JENFASIZZA l-ħtieġa, fuq żmien qasir, ta' prattiki komuni fl-Istati Membri u bejniethom, sabiex il-proċeduri jsiru aktar kompatibbli u interoperabbli fl-industriji kollha, inkluż għall-permessi u l-akkwist;
47. JENFASIZZA l-parteċipazzjoni tal-prosumaturi fis-suq tal-elettriku tal-UE u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-ħtiġijiet tal-interoperabbiltà u l-opportunità għall-istandardizzazzjoni ta' apparati intelliġenti fil-livell tal-unitajiet domestiċi;
48. JAPPELLA lill-ENTSO-E u lill-Entità tal-UE għad-DSO biex isaħħu l-kollaborazzjoni mal-fornituri tat-teknoloġija biex jiżviluppaw speċifikazzjonijiet teknoloġiċi komuni sa tmiem l-2024 fil-qafas ta' ftehim ta' workshop mill-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni biex itejbu l-viżibbiltà tal-proġetti tal-grilja ġodda meħtieġa u ppjanati, kif ukoll biex ixerrdu l-aħjar prattiki fil-livell tal-UE dwar il-proċeduri tal-ġoti tal-permessi;

49. JAPPELLA lill-ENTSO-E u lill-Entità tal-UE għad-DSO biex jivvalutaw il-valur miżjud tad-disinji tal-offerti funzjonali u joħorġu linji gwida mhux vinkolanti għall-membri tiegħu abbażi ta' din il-valutazzjoni;
50. JENFASIZZA l-importanza li jiġu ġġenerati benefiċċji lokali sabiex tiżdied l-aċċettazzjoni pubblika tal-grilji tal-elettriku, pereżempju, billi jiġi inkluż disinn ambjentali; JAPPELLA lill-Istati Membri, f'dak ir-rigward, biex jimplementaw kif xieraq id-dispożizzjonijiet dwar il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u l-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini u biex jingħaqdu u jimplementaw il-Patt għall-Impenn sabiex jiżguraw informazzjoni bikrija u regolari u parteċipazzjoni pubblika fi proġetti ta' żvilupp tal-grilja kif ukoll l-involviment tal-entitajiet u t-territorji lokali;
51. JAPPELLA għall-aċċellerazzjoni tal-proċeduri fil-proċess tal-ġhoti tal-permessi, is-simplifikazzjoni tal-offerti, il-proċessi tal-akkwist, it-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva u d-diġitalizzazzjoni tal-proċessi rilevanti;
52. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tivvaluta u tidentifika miżuri biex jitħaffu l-proċeduri rilevanti għall-ġhoti ta' permessi għall-infrastruttura tal-grilja tal-elettriku b'attenzjoni għall-koerenza tal-qafas għall-enerġija, in-natura u l-ambjent;
53. JENFASIZZA l-importanza tad-disponibbiltà ta' forza tax-xogħol b'ħiliet adegwati;
54. IĦEĠĠEĠ lill-amministrazzjonijiet pubbliċi jagħmlu d-data għall-valutazzjoni ambjentali disponibbli sabiex jaċċelleraw u jiffaċilitaw il-proċeduri għall-ġhoti ta' permessi.
-